# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 26 ta' Jannar 2018**

**Numru 10**

**Rikors numru 37/11 MCH**

**Michael u Pauline konjugi Gauci**

**v.**

**Alfred Abdilla, Doreen Abdilla, Charles Pace u Mosta Auto Dealers Company Limited (C3923)**

**Il-Qorti:**

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili moghtija fil-3 ta' Ottubru 2013, li qed tigi riprodotta ghall-ahjar intendiment:

> ”Rat ir-rikors guramentat tal-atturi tal-14 ta' Jannar 2011 li jghid hekk:
>
> “1. Illi permezz ta' konvenju in atti Nutar Dottor Pierre Falzon tad-9 ta' Jannar 2006, l-intimati Alfred u Doreen Abdilla obbligaw ruhhom li jittrasferixxu l-appartament bin-numru tlieta (3) fil blokk G1 fil-Qasam tal-Bini tal-Gvern fi Triq it-Trincetta, l-Mosta a favur ir-rikorrenti konjugi Gauci (Dok. MG1);

“2. Illi fil-fatt dan it-trasferiment sar permezz ta’ kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Pierre Falzon tal-10 ta’ April 2006 u l-Boll thallas nhar it-12 ta’ April 2006 (Dok. MG2);

“3. Illi f’Gunju tal-2010 ir-rikorrenti gew rinfaccjati minn Marixxal ta’ dina l-Onorabbli Qorti li fuq skorta ta' Mandat ta’ Zgumbrament bin-numru 950/2010 fl-ismijiet "Charles Pace u Mosta Auto Dealers Company Limited vs Alfred Abdilla" (Dok. MG3)ipprova jizgombra lir-rikorrenti min gewwa l-fond fejn kienu jirrisjedu u li huma kienu akkwistaw minghand l-intimati Abdilla u cioe 3, Blokk G 1, Qasam tal-Bini tal-Gvern fi Triq it-Trincetta, il-Mosta;

“4. Illi dan il-Mandat ta' Zgumbrament jidher li nhareg fuq skorta ta' sentenza ta' din l-Onorabbili Qorti tad-19 ta' April 2010(Rik Gur Nru 920/2009JA) fl-ismijiet "Charles Pace u Mosta Auto Dealers Company Limited vs Alfred Abdilla" (Dok. MG4);

“5. Illi r-rikorrenti gew fil-fatt zgumbrati minn gewwa l-fond hawn qabel indikat;

“6. Illi mis-sentenza citata jirrizulta li fil-fatt saru proceduri ta' subbasta bin-numru 18/2006 fl-ismijiet Charles Pace u Mosta Auto Dealers Company Limited vs Alfred Abdilla;

“7. Illi fil-fatt jirrizulta li fiz-zmien li gie attwalment liberat il-fond in kwistjoni a favur l-intimati Charles Pace u Mosta Auto Dealers Company Limited u s-sentenza li biha din l-Onorabbli Qorti ordnat ir-ripreza tal-fond minn dawn l-istess intimati, l-intimat Alfred Abdilla ma kien ghad fadallu l-ebda jedd fuq din il-proprjeta;

“8. Illi inoltre kif jirrizulta mill-att notarili ezebit dan il-fond gie trasferit mill-konjugi Abdilla lir-rikorrenti bil-garanziji tal-pacifiku pussess;

“9. Illi fuq skorta ta’ gurisprudenza sentenza li hija res judicata hija limitata u taghmel stat bejn il-partijiet biss u ma testendix oltre hlief fil-kaz espressi mil-ligi;

“10. Illi inoltre huwa principju ricevut u generali illi l-frodi tivvizzja kull procedura, partikolarment meta tmur kontra kull regola ta' bona fede u tikkostitwixxi abbuz tal-proceduri;

“11. Illi kif ser jigi ppruvat fil-mori ta’ dawn il-proceduri, l-intimati Pace u Mosta Auto Dealers Company Limited ottjenew il-precitat gudizzju a favur taghom b'qerq u frodi da parti taghhom f’dawk il-proceduri in kwantu kienu jafu li l-fond ma kienx ghadu tal-intimati Abdilla izda dolozament naqsu milli jinformaw lil din l-Onorabbli Qorti kif ukoll li jitolbu l-kjamat fil-kawza tal-atturi odjerni kif kien proceduralment mehtieg u b’hekk zvijaw lil din l-Onorabbli Qorti;

“12. Illi inoltre l-atturi ghandhom interess guridiku li jigi dikjarat minn din l-Onorabbli Qorti illi d-digriet ta’ dina l-Onorabbli Qorti tal-20 ta' Novembru 2008 in segwitu ghas-subbasta 18/2006 u s-sentenza mghotija minn din l-Onorabbli Qorti fid-19 ta' April 2010 fl-ismijiet “Charles Pace u Mosta Auto Dealers Company Limited vs Alfred Abdilla" (Rik Gur Nru 920/2009JA ma taghmilx stat fil-konfront taghhom u li sussegwentament jigu reintegrati fil-pussess tal-fond 3, Blokk G1, Qasam tal-Bini tal-Gvern fi Triq it-Trincerta, i-Mosta

“13. Illi l-atturi inkorrew spejjez u danni in kwantu kellhom ifittxu residenza alternattiva fejn joqghodu;

“Ghaldaqstant in vista tal-premess, ir-rikorrenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

“1. Tiddikjara u tiddeciedi illi s-sentnza mghotija minn din l-Onorabbli Qorti fid-19 ta' April 2010 fl-ismijiet “Charles Pace u Mosta Auto Dealers Company Limited vs Alfred Abdilla" Rik Gur Nru 920/2009 ma taghmilx stat fil-konfront tal-atturi odjerni;

“2. Tiddikjara u tiddeciedi illi s-sentenza msemmija fl-ewwel talba giet ottenuta b'qerq u frodi da parte tal-attur f’dawk il-proceduri;

“3. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tal-20 ta' Novembru 2008 in segwitu ghas-subbasta 18/2006 fl-ismijiet “Charles Pace u Mosta Auto Dealers Company vs Alfred Abdilla” ma jaghmilx stat fil-konfront tal-atturi odjerni;

“4. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-digriet msemmi fit-tielet talba gie ottenut b'qerq u frodi da parti tal-kredituri ezekutanti f’dawk il-proceduri,

“5. Tiddikjara u tiddeciedi illi kuntratt ippubblikat min-Nutar Dottor Pierre Falzon fl-10 ta' April 2006 li permezz tieghu l-atturi odjerni akkwistaw il-fond appartament internament bin-numru tlieta (3) fil blokk G1 fil-Qasam tal-Bini tal-Gvern fi Triq it-Trincetta, il-Mosta ghadu validu u in effett;

“6. Tiddikjara u tiddeciedi illi ma kienx hemm lok ghall-izgumbrament tal-atturi mill-fond in kwistjoni;

“7. Tordna lill-konvenuti jew min minnhom jergghu jqieghdu lill-atturi fil-pussess tal-fond appartament internament bin-numru meta (3) fil Blokk G1 fil-Qasam tal-Bini tal-Gvern fi Triq it-Trincetta, il-Mosta

“8. Tordna lill-konvenut Abdilla jwettqu u jaghtu effett ghal garanzija tal-pacifiku pussess moghtija minnhom lill-atturi fl-att ta' komprovendita ippubblikat min-Nutar Dottor Pierre Falzon fl-10 ta' April 2006 u jehilsuhom mill-molestja minnhom sofferta;

“9. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenuti jew min minnhom huma unikament responsabbili ghad-danni sofferti u spejjez inkorsi mill-atturi b'rizultat tal-agir u l-azzjonijiet tal- konvenuti jew min minnhom;

“10. Tillikwida occorendo permezz ta' periti nominandi d-danni hekk sofferti u l-ispejjez inkorsi mill-atturi;

“11. Tikkunndana lill-konvenuti jew min minnhom ihallas is-somma hekk likwidata fl-ghaxar talba;

“U dana taht kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.

“Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti in subizzjoni u b’rizerva ta’ kull azzjoni ulterjuri spettanti lill-atturi fil-ligi.

“Rat ir-risposta guramentata ta’ Charles Pace u Mosta Auto Dealer Company Limited li tghid hekk:

“1. Illi l-esponenti mhumiex il-legittimi kontraditturi ghar-ragunijiet hawn imsemmija;

“2. Illi l-esponenti pprezentaw ir-rikors tas-subbasta fit-tlettax (13) ta' Jannar elfejn u sitt (2006);

“3. Illi mill-kuntratt ippubblikat quddiem in-Nutar Dr. Pierre Falzon datat ghaxra (10) ta' April elfejn u sitta (2006) jidher car li l-kumpraturi ma ezentawx lin-nutar milli jaghmel ir-ricerki, huma u/jew in-Nutar setghu facilment jindunaw li kien hemm subbasta fuq il-proprjeta trasferita fuq dana l-att;

“4. Illi l-vendituri fuq l-att hawn fuq imsemmi, u cjoe l-konjugi Abdilla akkwistaw il-proprjeta minghand l-Awtorita tad-Djar u l-istess konjugi Abdilla taw ipoteka generali u ipoteka specjali fuq il-proprjeta l-fond numru tlieta (3), Blokk G1, Qasam tal-Bini tal-Gvern f’Triq it-Trincetta, Mosta liema ipoteka hija registrata bin-nota ta’ insinwa numru 3463/1997. Din l-ipoteka ghada in vigore sal-gurnata li qieghed tigi pprezentata dina ir-risposta u daqstant jidher car li sabiex tinbiegh dina il-proprjeta l-kunsens tal-Awtorita ma giex ottenut u ma thallas is-sussidju li huwa anke msemmi fil-konvenju paragrafu 7 li sar bejn l-atturi u l-konvenuti Abdilla [ipprezentat mill-atturi u indikat bhala Dok. HG1];

“5. Illi kif diga inghad dina l-ipoteka ghada sallum mhux kkancellata u ghaldaqstant jidher car li l-Awtorita ma kienitx infurmata b’tali trasferiment liema trasferiment huwa ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dr.ierre Falzon datat ghaxra (10) ta’ April elfejn u sitta (2006);

“6. Illi mill-elfejn u sltta (2006) data ta' meta bdiet is-subbasta, l-atturi kellhom diversi okkazjonijiet sabiex jintervjenu sabiex jippruvaw

iwaqqfu s-subbasta, saru n-notifiki, anke bil-publikazzjoni u affissjoni, kien mar il-Perit Valerio Schembri, sabiex jaghmel stima tal-proprjeta, saret ukoll il-kawza ta' zgumbrament, pero l-atturi ghal ragunijiet li jafuhom huma biss ghazlu li ma jaghmlu xejn. Kien biss meta gew affaccjati bl-izgumbrament li huma pprezentaw rikors quddiem l-Onorabbli Qorti;

“7. Illi jekk sar xi frodi dana zgur li ma sarx da parti tal-esponenti, peress illi huma wara li ghamlu ir-ricerki, ipprezentaw r-rikors tas-subbasta meta l-proprjeta kienet ghada tappartjeni lis-sinjuri Abdilla;

“8. Illi l-esponenti b'ebda mod ma setghu kienu jafu li l-proprjeta li kienet tappartjeni lis-sinjuri Abdilla giet trasferita lil terzi fil-mori tas-subbasta ghaliex galadarba giet ipprezentata s-subbasta t-trasferiment lanqas biss kellu jigi effetwat;

“Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti u l-konvenuti konjugi Abdilla li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

“Rat ir-risposta guramentata ta’ Alfred u Doreen Abdilla li tghid hekk:

“1. Illi l-eccipjenti jaqblu mal-ewwel seba (7) talbiet tal-atturi rikorrenti kif kontenuti fic-citazzjoni/rikors guramentat fl-ismijiet hawn fuq premessi;

“2. Illi kwantu ghat-tmien (8) talba l-eccipjenti jissottomettu illi huma ghamlu dak kollu legalment possibli ghalihom sabiex jaghtu l-pacifiku pussess tal-fond minnhom mibjugh lir-rikorrenti. Illi l-atturi ma gawdewx il-pacifiku pussess mhux minhabba agir tal-esponenti izda minhabba l-agir illegali tal-intimati Pace u Mosta Auto Dealers Company Limited;

“3. Illi konsegwentement isegwi li l-esponenti ma kkagunaw ebda danni lir-rikorrenti u ghalhekk id-disa (9), l-ghaxar (10) u l-hdax (11) il-talba ghandhom ikunu michuda fil-konfront tal-esponenti;

“4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

“Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti, kif ukoll l-atti tal-procedura tas-subasta numru 18/2006 degretat fl-20 ta’ Novembru 2008 u l-atti tal-kawza 920/2009JA fl-ismijiet Charles Pace vs Alfred Abdilla deciza fid-19 ta’ April 2010;

“Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-konjugi Gauci u l-intimati Charlie Pace u Mosta Auto Dealers;

“Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

“**Ikkunsidrat**

“**Provi**

“Michael Gauci xehed li hu u martu kienu joqghod il-Qawra u riedu jkabbru minhabba t-tifel. Huh kien tah numru ta’ mobile fuq post u meta cempel dak in-numru kien kellmu Abdilla. Ftiehem biex imur jara l-post u ghogbu. Dak iz-zmien il-post kien maghluq. Ftehmu fuq prezz u fid-9 ta’ Jannar 2006 iffirmaw konvenju u fil-10 ta’April 2006 ghamlu l-kuntratt. Hu hallas fuq il-kuntratt izda l-flus ghaddew ghand zewg kumpaniji kredituri ta’ Abdilla li dehru fuq il-kuntratt. F’Gunju 2006 marru joqghod fil-post li xtraw u mill-ewwel bidlu l-I.D. Card ghal fuq dan il-post. Minn Ottubru l’hemm beda jigi l-Marixall bil-karti u jistaqsi ghal Abdilla u huma kienu jghidulu li ma kienx ghadu joqghod hemm u kienu juruh l-I.D. Card taghhom. Dan baqa’ jigi sal 2010. Darba minnhom kienu anke qalu lil Marixxal jekk kienx qed ighid lil Qorti b’li sab.  Fil-2009 kien mar it-tifel ta’ Pace ihabbat id-dar taghhom u qallhom li hemm kien tal-papa tieghu. Hu ghalhekk mar ghand Pace, il-Mosta, u staqsih x’gara u Pace irrispondih ‘Mela int’, billi kienu jafu lil xulxin. Hu qallu ‘Mela ma tafx li noqghod hemm’. Kien mar inkellem lin-Nutar u dan qallu biex ma jaghtix kaz ghax kellu kollox sew. Imbaghad fil- 2010 gie l-Marixxal bil-pulizija u zgumbrana. Sadanittant  hu ma kienx kellem lil Abdilla u lanqas rega rah. Wara kien sar jaf li dan mar joqghod ma’ missieru l-Mosta. Hu jassumi li n-Nutar kien ghamel ir-ricerki, billi hu kellu jaghmilhom, ghax dak xogholu.  In-Nutar ma qallux li kien hemm subasta ghaddejja bejn Pace u Abdilla u lanqas Abdilla ma qallu; kieku ma kienx jixtri.

“In kontroeazmi wiegeb li huma kienu huma li ghazlu lin-Nutar Falzon. Huma ma kienux ezentaw lin-Nutar milli jaghmel ir-ricerki. Lin-Nutar, huma ma kinux staqsewh jekk kienx hemm xi dejn iehor u lanqas wara ma staqsewh   kif ma indunax li kien hemm id-dejn ta’ Pace.  In-Nutar kien qalilhom biex  jaghtuh cans jaghmel ir-ricerki, imbaghad meta staqsewh jekk kienx kollox sew, qalilhom iva. Ma jafx jekk mal-ispejjez tan-Nutar kienx hemm spejjez tar-ricerki. Ighid li kien hemm zmien meta kienu ser niehdu proceduri kontra n-Nutar.

“Pauline Gauci sostanzjalment irrepetiet dak li xehed zewgha u ziedet li meta gew zgumbrati huma kellhom jikru post iehor u hallsu €240 fix-xahar. Tghid li qabel gew zgumbrati, Pace kien jaf li huma  kienu joqghodu hemm, ghax kien mar it-tifel ta’ Pace jara l-post, u  Pace joqghod ftit il-boghod minnhom. Tghid li Pace kien jaf ukoll fejn joqghod Abdilla billi hu mill-Mosta u qieghed fin-negozju. Meta ghamlu l-kuntratt ma’ Abdilla, n-Nutar kien infurmahom li kellhom jidhru xi kredituri li kellhom jiehdu minghand Abdilla. Ma tafx li kien hemm xi rapprezentant tal-Housing. Wara li xtraw il-post, u bdew jircievu l-karti ta’ Abdilla d-dar huma marru jkellmu lin-Nutar, urewh il-karti u kien assikurahom li ghandhom kollox sew.

“George Saliba, rapprezentant tal-Ufficcju Elettorali, xehed dwar l.D. Cards ta’ Gauci, u qal li  f’Jannar 2006 dawn it-tnejn kienu registrati fuq Islander Court, Flat 8, Triq J Quintinos San Pawl il-Bahar u

baqghu jidhru fuq dana l-indirizz sa' April 2006 meta marru joqghodu Flat 3, Block G1, Triq it-Trincetta, Mosta u gew registrati fuq dana l-indirizz fis-26 ta' Lulju 2006. Huma ghadhom registrati fuq dak l-indirizz sallum.

"Dwar Alfred Abdilla xehed li dan kien u ghadu registrat sallum fl-indirizz Flat 3, Block G1, Triq it-Trincetta, Mosta. Minn-naha l-ohra, Doreen Abdilla f'Jannar 2006 kienet registrata fuq Flat 3, Block G1, Triq it-Trincetta, Mosta u f'Ottubru 2006 sar trasferiment ghal 1, Gesu Redentur, Triq il-Bdotti, Mosta (id-dar tal-genituri taghha) u f'April 2010 marret toqghod 48, Triq San Gwann, Mosta fejn ghada registrat sallum.

"Dwar l-ID 785634M xehed li din kienet tappartjeni lil mejjet Antonio Abdilla. Dan miet f'Marzu 2010 u r-records manwali jitnehhew. Izda skont ir-records fuq il-computer, fin 1996 Antonio kien joqghod 50, Triq l-Istringell, Mosta, imbaghad sar re-numbering tat-triq u minn 50 sa 7 u zdid l-isem 'Dor-Ant', fl-istess post f'Lulju 2000. Baqa' hemmhekk sa ma miet. (ara Dok. GS1 u GS2 a fol. 70 et seq.).

"Charles Pace, prodott mill-attur, xehed li Abdilla kien jahdem mieghu, u gieli bieghlu xi karozza biex jaqla xi haga minnha u imbaghad ihallsu. Kien hemm okkazzjoni meta bieghlu karozza u Abdilla bieghha lil haddiehor, sar it-transfer, Abdilla thallas, izda lilu ma hallsux. Ghalhekk kien ghamillu kambjali. Hu kien ghamillu t-transfer billi Abdilla kien qallu li kif isir it-transfer u jdahhal il-flus, kien se jhallsu, izda minflol ma hallsu xejn. Abdilla kien ammetta li kien thallas u anke x-xerrej tal-karozza kien qallu li Abdilla thallas.

"Hu kien interpella lil Abdilla b'ittra ufficjali u imbaghad fetah il-proceduri tas-subbasta. Fis-subasta huwa kien ipprova jinnotifika lil Abdilla fil-post fejn joqghod (cjoe dak in kwistjoni li minnu Gauci gie zgumbrat f'Triq it-Trincetta Mosta) izda Abdilla ma kienx instab hemm. Hu jghid li ma kienx jaf li Abdilla ma kienx ghadu joqghod hemm u lanqas meta mar il-Perit tal-Qorti u sab lil haddiehor. Sa fejn jaf hu, Abdilla dejjem kien joqghod hemm. Dwar ir-riferti li Abdilla ma nstabx fil-post jew li kien joqghod haddiehor, qal li l-affarijiet tal-Qorti kienet tiehu hsiebhom l-avukat. Wara li l-proprjeta' gie liberata favur tieghu, kien sar rikors fejn gie indikat li kien hemm terzi persuni joqghodu fil-post. Hu ma kienx jaf li kien hemm Gauci fil-post, avolja mil 2006 sal 2009 ir-riferti kienu jghidu li Abdilla ma kienx ghadu joqghod fil-post. Xehed li l-Avukat ma kinitx qaltlu li r-riferti kienu juru li joqghod haddiehor fil-post ta' Abdilla. Hu sar jaf minn kien hemm fih wara li xtara l-post bis-subbasta ghax mar ikellmu Gauci. Mistoqsi x'kien qallu t-tifel tieghu meta mar jara l-post qabel ghamel l-offerta, wiegeb: 'Insejt'. Imbaghad meta regghet gie ripetuta l-istess domanda wiegeb: "Ma qalli xejn. Ma nafx li mar."

"Imbaghad wara li l-post gie liberat favur tieghu, hu ghamel kawza ta' zgumbrament kontra Abdilla, u ghamilha kontra tieghu biss, avolja

kien jaf li kien hemm Gauci joqghod hemm, ghax dan kien mar ikellmu wara s-subbasta. Lil Gauci hu ma nnotifikahx bil-kawza.

"In ri-ezami Pace wiegeb li wara s-subbasta Gauci kien qallu li kien xtara l-post. Dwar il-karti li kien jircievi mill-Qorti, Gauci qallu li n-Nutar kien qallu biex ma jaghtix kaz. L-unika darba li sema minghand Abdilla kien wara s-subbasta meta gie biex jiehu l-valur li bih kien xtara mill-Qorti u li gie depozitat il-Qorti.

"Alfred Abdilla xehed li kien jahdem ma' Charles Pace. Kienu jbieghu xi karozza flimkien, jixtri karozza u jbieghha. Hu kellu dejn ma' Pace imbaghad keccih. Billi ma setax ihallsu kien iffirma kambjali. Qabel biegh il-post, dan kien ghamel zmien vojt, xi sena u nofs. Wara li saret is-subbasta hu kien oppona c-cedola ta' depozitu. Ma jafx li kien irceva karti; kien infurmah xi kreditur iehor. Hu ma kienx irceva ebda karti minghand Pace. Hu kien mar ighix l-Imsida. L-indirizz fuq l-I.D. Card tieghu kien baqa' fuq il-flat li biegh u ma dawrux.

"In kontro-ezami wiegeb li hu kien biegh il-post meta ssepara minn mal-mara. Dak iz-zmien ma kienx jahdem ma' Pace. Fuq il-kuntratt kien deher il-bank, u zewg kredituri tieghu li thallsu mill-bank. Wara kien irceva xi karti mill-Qorti. In-Nutar, Gauci u Pace ma kienux kellmuh.

"Doreen Abdilla xehdet li hija u Alfred Abdilla sseparaw fit 2004. Hi kienet baqghet tghix fil-post u meta ghamlu s-separazzjoni t-tnejn li huma kienu hargu mill-post. Meta sar il-kuntratt ta' bejgh, in-Nutar ma semma ebda haga dwar id-dejn tal-Mosta Autodealer. Matul iz-zwieg hija kienet taf li kien hemm xi dejn.

"**Konsiderazzjonijiet**

"Illi f'dina l-kawza r-rikorrenti ressqu hdax il-talba.

"Illi dina l-Qorti sejra tikkunsidra flimkien f'dan l-istadju l-ewwel erba' talbiet senjatament dawk dwar is-sentenza ta' zgumbrament u l-ohra dwar il-proceduri tas-subbasta li r-rikorrenti jallegaw li gew ottenuti b'qerq u frodi billi l-ewwel u t-tielet talbiet huma sostanzjalment mibnija biex isostnu t-tieni u r-raba talba.

"Kif qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-24 ta` Gunju 2011 fil-kawza **Farrell vs Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**:

> "Hu maghruf li kawzi quddiem il-qrati superjuri jridu jimxu a bazi tal-kawzali kif imressqa ghal quddiemha mir-rikorrenti, u jekk talba tkun mitluba a bazi ta` kawzali partikolari, mhux lecitu ghall-parti jew ghall-qorti tinvestiga lil hinn minn dik il-kawzali". Similment fil-kawza "Azzopardi v. Azzopardi", Prim`Awla tal-Qorti Civili, deciza fil-31 ta` Jannar 2003: "Il-Qorti ghandha toqghod fuq il-kawzali u t-talba dedotta u xejn izjed.

“Inoltre irid jigi puntwalizzat ukoll illi, li wiehed jattakka att pubbliku, hi haga serjissima. Il-massima tad-dritt probatorju, li min jallega jrid jipprova, tehtieg li tigi osservata fir-rigorosita taghha, aktar u aktar f’dan il-kaz fejn qed jigu attakkati zewg proceduri, wahda ta’ subbasta u ohra sentenza tal-Qorti li ghaddiet in gudikat.

“Fis-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fit-3 ta’ Dicembru 1919, (Vol. XXIV.i.203) fl-ismijiet **Innocenzo Galea vs M. Zammit**, gew insenjati l-principji kardinali fir-rigward tad-dolo f’materja civili. Dawn kienu s-segwenti:

> “1. li l-inganni kienu l-kawza determinanti li taw lok ghall-ftehim. (**Teresa Galea vs Salvatore Bonnici**, Vol X pag 592 u **Alice Cassar Torreggiani vs Albert R. Manche**, App Civ 17 ta’ Marzu 1958, Vol XLII.i.126);
>
> “2. l-ezistenza ta’ element specifiku kostitwit mill-ingann uzat. (**Giovanni Farrugia Gay vs Emmanuele Farrugia Gay**,Prim’Awla 3 ta’ Mejju, 1921, Vol XXIV.ii.578);
>
> “3. In-necessita’ tal-prova tad-dolo jew frode minn min jallegah. (**Joseph Mifsud noe vs Paul Tanti**, Prim’Awla, 4 ta’Frar 1965, Vol XLIX.ii.722, **Joseph Galea et vs AIC Walter Caruana Montaldo**, App Civ 14 ta’ Mejju 1971).

“Importanti partikolarment f’dan il-kaz dak li nghad fis-sentenza **Reverendu Sacerdot Don Francesco Zammit et vs Avukat Dottor Anthony Farrugia et** tal- 31 ta' Marzu 1967 (Vol LI.i.546) fejn il-Qorti tal-Appell Kummercjali qalet hekk:

> “Illi din hi azzjoni ta' annullament ta' bejgh in bazi ghad-dolo tal-vendituri. Biex azzjoni simili tirnexxi jrid qabel xejn jigi pruvat illi kien hemm dolo da parti ta' wiehed mill-kontendenti. Il-prova tad-dolo - l-ligi tghidu espressament - trid issir minn min jallegah u l-intenzjoni li tqarraq hi essenzjali ghax id-dritt modern ma jammettix id-dolo oggettiv 'in re ipsa', hi espressa fil-kliem tal-artikolu 1024 tal-Kodici Civili 'inganni maghmulin minn wahda mill-partijiet' illi fit-test taljan tal-artikolu 687 tal-Ordinanza No. VII tal-1868 kienu 'raggiri usati da uno dei contraenti.' Illi ghal dik li hi definizzjoni tad-dolo ghada tista' tigi utilment ripetuta anki llum dik ta' Labcone (fr. 1 para. D.4.3): 'dolum malum esse omnens calliditatem fallaciam marbinationem ad circumveriendum fallendum decipiendum alterum adhibitam'. Fi kliem iehor, id-dolo jikkonsisti fir-rieda hazina ta' wiehed mill-kontraenti li topera permezz ta' qerq ('raggiri')…. Illi element iehor mehtieg espressament mil-ligi (artikolu 1024 Kodici Civli) biex azzjoni bhal prezenti tigi esperita b'success hu li r-raggiri uzati minn wahda mill-partijiet ikun tali li minghajrhom il-parti l-ohra ma kinitx tikkuntratta u anki din il-prova tispetta lill-atturi. Stanti li d-dolo hu kkunsidrat bhala vizzju tal-volonta` hu ragjonevoli li ma jkunx kawza ta' nullita` hlief in kwantu jkun ezercita influwenza deciziva fuq id-dikjarazzjoni tal-volonta` tal-kontraenti.

"Ir-rikorrenti jsostnu li huma kienu xtraw il-post mertu tal-kawza minghand l-intimat Abdilla. Wara li xtraw il-post bdew jircievu karti mill-Qorti ghal Abdilla. Kienu infurmaw lil Marixall li Abdilla ma kienx ghadu joqghod hemm u li minflok kienu qed joghqodu hemmhekk huma. Ighidu li wara li ghamlu l-kuntratt ma' Abdilla huma ma rawhx izjed u lanqas kienu jafu fejn mar joqghod. Kienu marru jkellmu lin-Nutar dwar dawn il-karti li kienu qed jircievu u dan serhilhom rashom li ma kienx hemm problemi billi kellhom kollox f'postu. Huma baqghu jircievu aktar karti ghal Abdilla mill-Qorti fil-post taghhom sakemm fl-ahhar spiccaw biex gew zgumbrati mill-post li kienu xtraw. Ghalhekk huma ressqu dina l-kawza biex ihassru kemm is-subbasta kif ukoll is-sentenza ta' zgumbrament billi dawn gew ottenuti b'qerq.

"Ir-rikorrenti qed jissottomettu li meta l-post attwalment gie liberat favur l-intimat Pace u nhareg il-mandat ta' zgumbrament, Abdilla ma kellu ebda jedd aktar fuq il-post in kwistjoni billi kien bieghlhom il-post u kien iggarantixxa l-pacifiku pussess. Ir-rikorrenti jsostnu li l-intimati Pace u Mosta Auto Dealers Company Limited ottjenew il-precitat gudizzju a favur taghom b'qerq u frodi in kwantu li kienu jafu li l-fond ma kienx ghadu tal-intimati Abdilla izda dolozament naqsu milli jinformaw lil Qorti kif ukoll li jitolbu  l-kjamat fil-kawza taghhom fil-proceduri ta' zgumbrament biex b'hekk zvijaw lil dina Qorti.

"Il-konvenuti Alfred u Doreen Abdilla ammettew l-ewwel seba' talbiet u qalu illi huma ghamlu dak kollu legalment possibili ghalihom sabiex jaghtu l-pacifiku pussess tal-fond li bieghu lir-rikorrenti u kien biss minhabba l-agir illegali tal-intimati Pace u Mosta Auto Dealers Company Limited li r-rikorrenti ma gawdewx il-pacifiku pussess. Jidher ghalhekk li ghalkemm Abdilla qed jammettu l-ewwel seba' talbiet izda fl-istess waqt qed ighidu li l-agir illegali ma kienx da parti taghhom izda da parti tal-intimati l-ohra. Ghalhekk m'humiex responsabbili ghal ebda danni.

"Min-naha taghhom l-intimati Pace u Mosta Auto Dealers wiegbu in generali li huma mhumiex il-legittimi kontraditturi ghalkemm ma jsemmux specifikatament ghaliex. Zgur li ma kellhom ebda obbligu li jiggarantixxu il-pacifiku pussess.

"L-intimati Pace u Mosta Auto Dealers isostnu li jekk sar xi frodi zgur li ma kienx da parti taghhom. Huma jghidu:

"1. Illi Meta gie pprezentat ir-rikors tas-subbasta l-proprejta kienet ghada tappartjeni lill-intimati Abdilla;
"2. Illi r-rikorrenti ma ezentawx lin-Nutar mir-ricerki ghalhekk dan setgha facilment jirrizultalu li kien hemm subbasta fuq il-proprjeta' li kienet fuq konvenju;
"3. Illi minn meta bdiet is-subbasta f'Jannar 2006, r-rikorrenti kellhom diversi okkazzjonijiet sabiex jintebhu b'dak li kien qed isir u jintervjenu sabiex jippruvaw iwaqqfu s-subbasta. Kienu saru notifiki, anke bil-pubblikazzjoni u affissjoni fl-istess dar taghhom, kien mar il-Perit

Valerio Schembri, nominat mill-Qorti, sabiex jaghmel stima tal-proprjeta' ai fini tas-subasta; saret ukoll il-kawza ta' zgumbrament li giet notifikata ukoll fil-post taghhom, pero r-rikorrenti, ghal ragunijiet li jafuhom huma biss, ghazlu li ma jaghmlu xejn;
"4. Illi fuq il-kuntratt ta' bejgh il-kunsens tal-Awtorita tad-djar[1], li kellha ipoteka generali u ipoteka specjali fuq il-proprjeta, ma giex ottenut u lanqas ma giet infurmata bit-trasferiment tal-post. Dehru pero kredituri ohra li kellhom ipoteki wkoll u dawn thallsu fuq il-kuntratt.

"Illi l-Qorti ezaminat l-atti tal-procedura tas-subasta numru 18/2006 degretat fid-9 ta' Frar 2006 u l-atti tal-kawza 920/09JA fl-ismijiet Charles Pace vs Alfred Abdilla deciza fid-19 ta' April 2010 u minnhom jirrizultaw is-segwenti fatti:

"**Subbasta numru 18/06**

"Pace kien baghat ittra ufficjali ai fini tal-artikolu 253(e) tal-Kap. 12 biex jirrendi l-kambjali esekuttivi lil Abdilla fis-7 ta' Marzu 2005 (fol. 8 fl-atti tas-subbasta) biex ihallas is-somma ta' Lm4,201.23 bilanc ta' 27 kambjala. Din giet notifikata fis-16 ta' Marzu 2005 lil Abdilla fil-post tal-Mosta fejn kien ghadu qed jghix.

Il-konvenju biex il-konjugi Abdilla jbieghu l-fond taghhom lil konjugi Gauci sar fid- 9 ta' Jannar 2006.
Il-proceduri tas-subbasta inbdew minn Pace permezz ta' rikors datat 13 ta' Jannar 2006.

"L-indirizz moghti kien fuq il-post tal-Mosta u r-riferta kienet negattiva billi Abdilla kien 'moved' fl-24 ta' Jannar 2006 (ara fol. 2 tal-proceduri ta' subbasta). Fid-9 ta' Frar 2006 il-Qorti ddegretat il-bejgh u gie appuntat il-Perit Valerio Schembri biex jaghmel deskrizzjoni u valutazzjoni tal-fond tal-Mosta ai fini tas-subbasta.

"Fis-17 ta' Marzu 2006 gie iskritta nota fir-registru Pubbliku 48/2006 fejn il-Qorti ordnat il-bejgh tal-post li kien fuq konvenju.

"Sal-10 ta' April 2006 (data tal-kuntratt) Abdilla mak kienx ghadu notifikat bl-atti tas-subbasta.

"Fl-10 ta' April sar il-kuntratt tal-bejgh bejn Abdilla u Gauci.

"Fit-12 ta' Lulju 2006 kien sar rikors minn Charles Pace (ara fol. 23) ghal isgass tal-fond billi l-Perit ma setax jaccedi fuq il-post billi l-post kien qed ikun dejjem maghluq. Il-Qorti laqghet it-talba (ara fol. 24).

"Il-Perit Schembri pprezenta r-relazzjoni tieghu fid-29 ta' Jannar 2007 (ara fol. 25 et seq.). Hu jikteb li zamm access fuq il-post u kien deher rapprezentant ta' Pace izda l-intimat Abdilla ma deherx (fol. 28). Il-

[1] Fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2013 l-intimat Pace xehed li ma jidhirlux li kien ra l-kuntratt tal-housing tar-rikorrenti.

Perit jirrimarka li "Meta nzamm it-tieni access gie kkonfermat illi fil-proprjeta qed tghix flimkien mal-familja taghha certu Pauline Gauci" (fol. 29).

"Fil-19 ta' Frar 2007 il-Qorti laqghet it-talba biex l-atti tas-subbasta jigu notifikati bl-affissjoni. (ara fol. 33). Dina saret fil-Gazzetta Lokali (ara fol. 34); fil-postijiet l-ohra (ara fol. 38 a tergo). Mal-post tal-Mosta gie affiss id-digriet tal-Qorti. Jigi rilevat li hemm riferta ohra li giet kancellata li kienet tghid li fil-post tal-Mosta ma fetah hadd.

"Kien sar rikors iehor (ara fol. 41) fejn intalab li n-notifika tad-data tas-subbasta issir ukoll bl-affissjoni. Il-Qorti laqghet it-talba (ara digriet a fol. 42) Rega' inghata l-istess indirizz tal-Mosta ta' Abdilla. In-notifka fil-post tal-Mosta saret billi twahhal id-digriet mal-post (ara fol. 45 a tergo). In-notifiki l-ohra saru regolarment. Billi fis-subbasta ma kienx hemm offerenti, is-subbasta kellha terga ssir, (ara fol. 50) u kellha terga ssir in-notifika mill-gdid bl-affissjoni. In-notifika reggha saret bl-affissjoni. Fil-20 ta' Novembru 2008 Charles Pace offra €5,000 u ha l-post (fol. 60 et seq.). Fil-5 ta' Jannar 2009 sar id-depozitu ta' €5,000 minn Charles Pace fil-Qorti (ara fol. 63) u fl-istess gurnata b'rikors talab li jizbanka l-istess ammont (ara fol. 64). Giet ordnata n-notifka tar-rikors u fl-14 ta' Jannar 2009 Abdilla gie notifikat izda l-Marixall ma jghidx kif gie notifikat ghalkemm l-indirizz moghti fir-rikors kien l-istess wiehed tal-Mosta. Abdilla kkontesta t-talba ghall-izbank (ara fol. 67) u l-Qorti appuntat ir-rikors ghas-smigh (ara fol. 68) ghas-seduta tas 27 ta' Jannar 2009 izda Abdilla ma giex notifikat. Reggha saret in-notifika bl-affissjoni. Saret in-notifika f'Gazzetta Lokali (ara fol. 73) u fl-Ghassa u l-Kunsill Lokali saru regolarment izda fuq il-post fejn qabel kien joqghod Abdilla saru diversi attentati ta' notifikati. Fis-26 ta' Jannar 2009 ir-riferta kienet tghid li "ma fetah hadd"; fit-3 ta' Frar 2009 Michael Gauci qal lil Marixall li Abdilla kien telaq minn dak l-indirizz; fis-17 ta' Frar 2009 kien hemm l-istess riferta; fil-5 ta' Marzu 2009 rega kien hemm l-istess riferta; fl-1 ta' April 2009 ir-riferta kienet li 'ma fetah hadd' u fis-6 ta' April 2009 saret l-affissjoni fl-istess post billi twahhal id-digriet mal-bieb kommuni.

"Fis-seduta tat-28 ta' April 2009 deher Charles Pace debitament assistit u dehret Dr. G. Bezzina ghal Alfred Abdilla li pero ma deherx u r-rikors thalla ghal provvediment u fil-5 ta' Gunju 2009 inghata degriet (ara fol. 78) u l-Qorti laqghet it-talba ta' Pace.

"**Sentenza ghal zgumbrament wara s-subbasta 19/4/2010**

"Wara li l-post gie liberat favur Pace, dan ghamel kawza biex jizgumbra lil Abdilla mill-post. Jigi rilevat hawnhekk li l-I.D. Card ta' Abdilla baqghet dejjem fuq il-post tal-Mosta, ghalkemm ghandu jinghad li anke l-konjugi Gauci dawru l-I.D. taghhom fuq dan il-post. Fir-rikors guramentat li Pace ghamel ghall-izgumbrament ta' Abdilla hemm imsemmi li Pace ried jiehu pussess tal-fond liberat favur tieghu pero jista` jkun li hemm xi terzi li qeghdin jghixu fil-proprjeta.

“F’din il-kawza Abdilla gie notifikat u ma dahhalx risposta. Il-Qorti laqghet it-talba. Mill-process jirrizulta li l-indirizz fejn kellha ssir in-notifika kien il-post tal-Mosta, Triq it-Trincetta. Fil-bidu r-riferta kienet negativa (ara fol. 9) billi fil- 30/10/09 il-Marixall sab nies ohra (Pauline Gauci) toqghod hemm. Il-Qorti ghalhekk ordnat li n-notifka ssir ai termini tal-artikolu 187(3) tal-Kap. 12. L-indirizz li inghata reggha kien l-istess indirizz tal-Mosta, oltre l-Kunsill Lokali, Ghassa tal-Pulizija, Mosta u l-Gazzetta tal-Gvern. Fit-23/12/2009 saret in-notifika f’dawk l-indirizzi bl-affissjoni. Saret in-notifika fil-Gazzetta tal-Gvern (ara fol. 15) u fil-gazzetta lokali (fol. 19). Ghalkemm Pace kien gie precedentement infurmat (ara riferta 30/10/09) li fil-post ta’ Mosta kienu joqghodu ta’ Gauci, l-affissjoni xorta saret fl’istess post. Il-kawza giet deciza fis-19 ta’ April 2010.

“Inhareg mandat ta’ zgumbrament (fol. 19) datat 10/6/2010 wara din is-sentenza.

“**Tikkunsidra ulterjorment**

“Kwantu ghall-intimati Abdilla dawn ammettew l-ewwel seba’ talbiet bir-riserva gja imsemmija.

“Illi r-rikorrenti jsostnu li l-intimati Pace u Mosta Auto Dealers Company Limited ottjenew il-precitat gudizzju a favur taghom b'qerq u frodi in kwantu li kienu jafu li l-fond ma kienx ghadu tal-intimati Abdilla izda dolozamemt naqsu milli jinformaw lil Qorti b’dan kif ukoll li jitolbu l-kjamat fil-kawza taghhom fil-proceduri biex b’hekk zvijaw lil Qorti.

“Kif gja nghad il-prova tad-dolo trid issir minn min jallegah u l-intenzjoni li tqarraq hi essenzjali ghax id-dolo oggettiv 'in re ipsa' mhux ammess.

“Illi huwa minnu li n-notifiki lil Abdilla li saru fil-proceduri tas-subbasta u fil-kawza tal-izgumrament saru permezz tal-procedura tal-affissjoni fil-post fejn huwa suppost kien ghadu qed joqghod skont ir-registru elettorali u qabel ma dan ma kienx ghadu biegh il-post lill-konjugi Gauci. Il-proceduri tas-subasta u ta’ zgumbrament saru kontra Abdilla u Gauci ma kienux parti fihom. Abdilla, li mill-provi ghandu jirrizulta li kien jaf b’dawn il-proceduri, fl-ebda stadju, ma kkontesta l-validita’ taghhom u deher biss meta qabillu u cioe meta mar biex jikkontesta l-izbank ta’ €5,000 li sar minn Pace. Lanqas f’dak l-istadju ma kkontesta l-validita’ ta’ xi notifika. Kien f’dawk il-proceduri li Abdilla, jew terzi interessati li kienu jafu bil-proceduri, kellhom jikkontestaw in-notfiki.

“F’dan il-kaz il-konjugi Gauci ma intervenewx la fil-proceduri tas-subasta u lanqas fil-kawza ta‘ zgumbrament avvolja huma kienu jafu bil-proceduri billi n-notifika lil Abdilla bl-affissjoni saret fil-post fejn huma kienu qed joqghodu. Fl-ebda stadju ma talbu s-sospensjoni tas-

subbasta avvolja kienu jafu x'qed jigri tant li marru bil-karti ghand in-Nutar. Huma f'dak l-istadju kellhom interess li jikkontestaw il-proceduri u mhux jhallu ghal meta gie deciz kollox u issa qed jallegaw li ghandhom interess billi kollox sar b'qerq.

"Ir-rikorrenti isostnu f'dina l-kawza li huma ghandhom interess gurdiku billi l-proceduri saru b'qerq u wasslu biex huma jigu zgumbrati mill-post fejn kienu joqghodu u li huma kienu xtraw minghand Abdilla. Dan il-qerq jekk jezisti llum kien jezisti ukoll meta kienu qed isiru l-proceduri kontestati mir-rikorrenti llum, li l-istess rikorrenti kienu konsapevoli taghhom.

"Il-Qorti tirrileva li l-kawzali li ressqu l-konjugi Gauci mhijiex li n-notifika bl-affissjoni ma saritx skont il-ligi izda li proceduri saru bi frodi u qerq.

"Dwar l-allegazzjoni ta' frodi fir-rigward tal-intimati Pace u Mosta Auto Dealer Company Limited il-Qorti hija tal-fehma li ma giet pruvata ebda frodi jew qerq fil-konfront taghhom. Kif jistghu Gauci jghidu (u dana bhala parti li ma kienux in kawza) li Pace ipprova jiddefrawda lir-rikorrenti meta huwa notifika (u skont ir-rikorrenti, hazin) lil Abdilla, meta ir-rikorrenti kienu l-hin kollu konsapevoli tal-proceduri tas-subbasta u tal-kawza ta' zgumbrament, billi il-karti kienu qed jigu ghandhom, ghalkemm indirizzati lil Abdilla. Nonostante li kienu jafu bil-proceduri tas-subasta, u wara anke tal-izgumbrament, ir-rikorrenti ma ghamlu xejn biex iwaqqfu is-subbasta u l-kawza ta' zgumbrament. Il-konjugi Gauci tant kienu jafu li kien hemm dawk il-proceduri li anke marru ghand in-Nutar bil-karti u hu qallhom li ma kienx hemm problemi u huma qaghdu fuq dak li qallhom in-Nutar, u ma ghamlu xejn aktar. Lanqas ma pproducew lin-Nutar bhala xhud f'din il-kawza biex jispjega ezattament x'gara.

"Jirrizulta mill-konvenju li r-rikorrenti kienu qalu lin-Nutar biex jaghmel ir-ricerki[2]. Ghalhekk kieku dawn saru jew saru kif suppost kienet titfacca n-nota fir-registru pubbliku li kienet tindika li hemm subbasta tal-post in vendita, kif ukoll kienet titfacca l-ipoteka li kellha l-Awtorita tal-Housing, izda jidher li dak il-bejgh sar nonostante dik l-ipoteka. L-obbligu tar-ricerki kien fuq il-konjugi Gauci.

"Lanqas ma huwa spjegabbili kif imur fid-dar ta' Gauci il-Perit nominat mill-Qorti biex jaghmel stima tal-post li kien ser jinbiegh bis-subbasta, u anke kien prezenti rapprezentant ta' Pace u l-konjugi Gauci jibqghu ma jaghmlu xejn.

"L-intimat Pace, qabel il-kawza ta' zgumbrament, fl-2009, tramite it-tifel tieghu kien infurma lil Gauci li l-fond kien tieghu, u wara li Gauci mar ikellem lil Pace dwar dana, ma sar xejn aktar da parti ta' Gauci. Lanqas ma jidher li l-konjugi Gauci wrew il-kuntratt ta' akkwist lil Pace.

[2] Fil-konvenju gie miftiehem li "r-ricerki ikunu sodisfacenti" (fol. 11)

"L-I.D. Card ta' Abdilla baqghet dejjem fuq il-post li huwa kien biegh lil Gauci, u dan anki wara li mar joqghod post iehor. Il-prova li Pace kien konsapevoli tal-bejgh minghand Gauci ma saritx. Li jirrizulta mill-provi hu li kien hemm terzi qed joqghodu fil-post meta kienu qed isiru dawn il-proceduri u Pace kien jaf b'dan tant li fil-premessi tac-citazzjoni ta' zgumbrament issemmi dan l-fatt, ghax ghalih il-post kien ghadu ta' Abdilla.

"Illi fil-fehma tal-Qorti r-rikorrenti Gauci ma rnexxilhomx jippruvaw li Pace kien ezercita frodi jew qerq fuqhom (meta huma lanqas kienu parti f'dawk il-proceduri) meta mexxa bil-proceduri tas-subbasta u l-kawza ta' zgumbrament kontra Abdilla. Ghalkemm huma kienu konsapevoli u kellhom diversi okkazzjonijiet sabiex jindunaw bil-proceduri tas-subbasta kif ukoll il-kawza ta' zgumbrament huma ma intervjenewx fil-kawza jew biex iwaqqfu s-subbasta izda kif ntqal ghazlu li ma jaghmlu xejn - imputet sibi.

"Illi ghalhekk it-talbiet kontra l-intimati Pace ma jreggux.

"Illi fir-rigward tal-intimati Abdilla jirrizulta li fiz-zewg proceduri huwa kien qed jigi notifikat permezz tal-affissjoni fil-post fejn huwa ma kienx ghadu joqghod. Ir-rikorrenti Gauci ma kellhomx kuntatt ma' Abdilla wara li sar il-kuntratt ta' bejgh u skont ma jirrizulta mill-provi u ma jidhirx li huma fittxew fejn mar joqghod. Ma jirrizultax mill-provi li Abdilla kien jaf bil-proceduri tas-subbasta hlief li tfacca meta deher biex jikkontesta l-izbank ta' €5,000 li sar minn Pace u oppona l-izbank. Ma jirrizultax li Abdilla kien informa lil Gauci b'dawk il-proceduri u li l-post kien inbiegh b'subbasta. Izda jirrizulta li f'dak l-istadju l-post kien diga gie liberat favur Pace. Gauci pero kienu wkoll gew infurmati minn Pace li l-post kien taghhom (Pace u Mosta Auto Dealers) u anke t-tifel ta' Pace qalilhom dan.

"Dwar il-kawza ta' zgumbrament jirrizulta wkoll li Abdilla gie notifikat bl-affissjoni fil-post fejn kien ghadu registrat pero fejn joqghodu Gauci izda ma hemmx prova li Abdilla sar jaf b'dik il-kawza permezz tan-notifiki.

"Jirrizulta li Abdilla kien jaf li kellu d-dejn ma' Pace u li dan kien qed ifittxu. Pace kien baghtlu ittra ufficjali fis-7 ta' Marzu 2005 biex ihallas is-somma ta' Lm4,201.23 bilanc ta' 27 kambjala. Hu kien gie notifikat fis-16 ta' Marzu 2005 fil-post tal-Mosta fejn Abdilla kien ghadu jghix u qabel il-konvenju. Izda sari l-konvenju u l-kuntratt finali Abdilla ma kienx ghadu gie notifikat skont il-ligi.

"Illi hija fehma tal-Qorti wkoll li ma jirrizultax, ghalkemm Abdilla jammetti l-ewwel seba' talbiet, li huwa ezercita xi frodi fuq il-konvenuti fil-proceduri tas-subbasta u fil-kawza ta' zgumbrament. Gauci kienu konsapevoli l-hin kollu taz-zewg proceduri u ma ghamlu xejn. Jekk kien hemm nuqqas da parti tan-Nutar, din hi haga li l-konjugi Gauci jridu jarawha man-Nutar mahtur minnhom li kien ukoll inkarigat

jaghmel ir-ricerki. Ghalhekk kull dritt li ghandhom ir-rikorrenti f'dan ir-rigward ghandu jibqa' impregudikat.

"Il-Qorti tqis li r-rikorrenti ma jistghux jivvantaw li l-kuntratt tal-akkwist taghhom ipreceda l-bejgh b'subbasta u ghalhekk is-subbasta u kull att gudizzjarju konsegwenzali inkluz is-sentenza ta' zgumbrament huma bla effett. L-artikolu 352(1) tal-Kap. 12 ighid illi kull trasferiment ta' immobbli fi zmien sena mindu d-digriet tal-Qorti li ordnat il-bejgh b'subbasta jigi registrat hu null fil-konfront tal-persuna li tkun talbet il-bejgh. Ghalkemm l-artikolu ssemmi l-procedura li ghandha tigi adottata biex il-bejgh jigi dikjarat null mill-kreditur, f'dan il-kaz, il-fatt li l-bejgh b'subbasta baqa' ghaddej minghajr ma ttiehdu ebda proceduri mid-debitur jew ir-rikorrent in konnessjoni mas-subbasta ma jirrendix it-trasferiment bejniethom validu kontra divjet espress tal-ligi.

"Ir-rikorrenti u/jew id-debitur ma jistghux f'dan l-istadju jivvantaggjaw ruhhom minn tali trasferiment meta l-ligi hi tassattiva li kull trasferiment li jsir kontra dak li jipprovdi l-artikolu 352(1) hu null fil-konfront tal-kreditur. La darba hemm din in-nullita l-kuntratt tal-akkwist bejn ir-rikorrenti u l-konvenut Abdilla ma jistghax ikollu effett fil-ligi anki jekk il-kreditur ma jkun ha ebda passi biex it-trasferiment jigi annullat u dan ghaliex fil-konfront tal-kreditur kull att li jsir b'divjet ta' dak li jrid l-artikolu 352 ma jista' jkollu ebda forza fil-konfront tieghu fl-atti tas-subbasta. Wara kollox kif qalet il-Qorti fil-kawza **HSBC Bank (Malta) Limited p.l.c. vs Anthony Carter et**, PA 22/05/2008, l-artikolu 352 hu intiz biex jissalvagwardja lil kreditur mid-debitur li jipprova jevita l-hlas tad-debitu.

"Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti l-ewwel erba' talbiet ma jistghux jigu milqugha.

"**Il-hames, is-sitt u s-seba' talbiet**

"Fil-hames talba r-rikorrenti qed jitolbu li dina l-Qorti tiddeciedi li kuntratt ippubblikat min-Nutar Dottor Pierre Falzon fl-10 ta' April 2006 li permezz tieghu r-rikorrenti akkwistaw il-fond mertu tal-kawza ghadu validu u in effett.

"Illi stante dak deciz fuq l-ewwel erba' talbiet, u cioe li ma kien hemm ebda qerq u frodi da parti tal-intimati, l-proceduri imsemmija huma regolari ghalhekk illum il-post gie liberat favur l-intimat Pace u l-post illum jsejjah lil Pace u mhux lil Gauci nonostante l-kuntratt li kellhom il-konjugi Gauci.

"L-istess japplika ghas-sitt u s-seba' talbiet billi l-proceduri imsemmija qed jigu dikjarat li saru regolarment u skont il-ligi.

"**It-tmien talba**

"Il-Qorti pero tirrileva li anke jekk caso mai jirrizulta li ma sarux ricerki qabel il-kuntratt jew ma sarux sew, dan il-fatt ma jikkancellax l-obbligu ta' Abdilla li b'mod espress iggarantew il-pacifiku pussess (ara f'dan il-kuntest is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Sede Kummercjali tal-15 ta' Frar 1995 fil-kawza **Charles Mizzi vs Joseph Pace nomine**). Fil-kawza **Andrew Camilleri et nomine vs Paul Enrico Vella et** deciza mill- Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Jannar 2004 il-Qorti osservat li "Sarux jew le r-ricerki, u sarux sew jew le, jista' jkun relevanti ghar-relazzjoni bejn ix-xerrej u l-konsulenti professjonali tieghu, izda huwa ghal kollox irrelevanti ghar-relazzjoni bejn bejjiegh u xerrej, ghax il-bejjiegh jibqa' marbut bil-garanzija tal-pussess pacifiku stipulata espressament fil-kuntratt ta' bejgh-u-xiri" (ara wkoll **Lec Ltd vs Tabbington,** PA 28/04/2009; **Galea vs Dr. P. Falzon**, PA 12/10/2006; **Bugeja vs Dr. Cassar**, App 27/07/2007).

"Hi l-ligi stess fl-artikolu 1409 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li tipprovdi illi:

> "Għalkemm fil-kuntratt tal-bejgħ ma tkunx ġiet miftiehma l-garanzija, il-bejjiegħ għandu de jure jagħmel tajjeb lix-xerrej għall-evizzjoni li ttellfu l-ħaġa mibjugħa, kollha jew biċċa minnha, u għas-servitujiet u piżijiet li ħaddieħor jippretendi fuq dik il-ħaġa, u li ma jkunux ġew imsemmijin fil-kuntratt.

"Billi r-relazzjoni bejn Abdilla u Gauci hi ta' venditur u kumpratur u distinta minn dik ma' Pace qua kreditur ta' Abdilla, jirrizulta li Abdilla bieghu proprjeta li ma setghux jittrasferixxu minhabba impediment legali provdut fl-artikolu 352 tal-Kap. 12. Il-garanzija tal-pacifu pussess torbot lil venditur fuq il-proprjeta minnu trasferita liema proprjeta rrizultat mhux trasferibbli fil-mument li sar il-bejgh u kwindi naqset il-garanzija tal-pacifku pussess li kellu jaghti l-venditur.

"Ghalhekk din it-talba ghandha tintlaqa' fil-konfront tal-intimati Abdilla.

"**Id-disa, l-ghaxra u l-hdax it-talbiet**

"Kwantu ghat-talba ghad-danni fil-konfront ta' Abdilla, il-Qorti hi tal-fehma li ma tressqux provi bizzejjed. Il-provi dwar id-danni ghandhom isiru waqt il-kawza mhux f'noti ta' sottomissjonijiet meta ma hemmx mezz ta' kontestazzjoni jew kontroll fuqhom. L-atturi qed jitolbu r-radd lura tal-prezz u l-ispejjez konessi max-xiri tal-post kif ukoll l-awment fil-prezz tal-bini u hlas ta' kera ta' fond alternattiv. Jirrizulta lil Qorti illi t-talba dwar l-awment saret fin-nota ta' sottomissjonijiet u ma ngibitx qua prova u t-talba ghal-hlas ta' kera li nkorrew l-atturi saret f'xiehda qasira ta' Pauline Gauci li ma giebet ebda prova tanigbbli ta' xi hlas jew ta' lokazzjoni. F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti tqis li dawn it-talbiet mhux gustifikati u ghandu japplika dak li jipprovdi l-artikolu 1412 (et seq.) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe r-radd lura tal-prezz tal-post u l-ispejjez konnessi mal-istess xiri tal-post. Skond Dok. MG2 jirrizulta li l-fond gie akkwistat bil-prezz ta' Lm50,000 (€116,468.67)

(fol. 16) u boll thallas Lm2,050 (€4,775.22) (fol. 13). Fil-fehma tal-Qorti dawn huma d-danni li Gauci huma intitolati ghalihom.

"**Decide**

"Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tichad it-talbiet tar-rikorrenti hlief ghat-tmien, disa', ghaxar u hdax-it talbiet li qed jintlaqghu fil-konfront tal-intimati Abdilla kif spjegat hawn fuq, u billi l-atturi gew zgumbrati mil-fond, il-Qorti tordna lill-konvenuti Abdilla jhallsu lill-atturi solidament bejniethom is-somma ta' €121,243.89 in linea ta' danni.

"L-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu supportati kwart mir-rikorrenti u tlett kwarti mill-intimati Abdilla".

Dan l-appell allura sar mill-atturi li qed jitolbu r-revoka tas-sentenza msemmija fejn cahdet it-talbiet taghhom u appell iehor sar mill-konvenuti Abdilla li qed jitolbu akkoljiment tal-eccezzjonijet taghhom.

Il-kawza odjerna giet ikkumplikata minhabba serje ta' non-kuranza u anke negligenza, possibilment anke minn persuni mhux parti fil-kawza. L-appellanti atturi xtraw il-fond in kwistjoni fl-10 ta' April 2006 minghand il-konjugi Abdilla. Dan tal-ahhar kien debitur tal-appellat Pace u s-socjetà Mosta Auto Dealers ghas-somma ta' 5,000 euros u dan tal-ahhar kien beda proceduri ta' subbasta proprju fuq din il-proprjetà mibjugha mill-istess Abdilla ftit gimghat qabel gie pubblikat l-att tax-xiri.

Kif jidher mis-sentenza l-ewwel Qorti cahdet it-talbiet attrici fejn intalbet revoka tal-atti tas-subbasta kif proposti, izda laqghet it-talbiet tal-istess atturi billi kkundannat lil Abdilla jhallsu d-danni indikati fis-sentenza.

L-Appell tal-Atturi

L-ewwel aggravju tal-appellanti Gauci huwa li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta ddecidiet illi tichad l-ewwel talba taghhom ghaliex dan imur kontra dispozizzjoni preciza tal-ligi. Hawnhekk b'referenza ghas-sentenza **Charles Pace et v. Alfred Abdilla**, huma jirreferu ghall-Artikolu 237 tal-Kap. 12 illi jghid li "*Is-sentenza ma tista' qatt tkun ta' hsara ghal min, la huwa innifsu u lanqas bil-mezz ta' l-awturi jew raprezentant legittimu tieghu ma jkunx parti fil-kawza maqtugha b'dik is-sentenza*".

Fil-kawza fl-ismijiet **Anthony Bartolo noe v. John Mary Vassallo** noe (Prim'Awla 3 ta' Ottubru 2003) intqal illi "*Ovvjament sentenza taghmel stat u torbot biss fil-konfront ta' dawk li jkunu parti fiha, u ma taghmilx stat fil-konfront ta' persuni li ma jkunux parti fiha. Persuna morali ghandha isem bhal kull persuna fizika, u jekk sentenza tinghata kontra socjetà' bl-isem X, ma taghmilx stat kontra socjetà' bl-isem Y, pero', dan ma jwassalx ghan-nullita tas-sentenza*". L-istess Qorti (diversament preseduta) qalet ukoll fis-sentenza taghha fl-ismijiet **John Buhagiar et v. Registratur tal-Qorti et** (4 ta' Gunju 2004) illi:

> "*Il-bazi legali ta' din il-konkluzjoni tinstab fl-Artikolu 237 tal-Kap.12 li jiddisponi testwalment: "Is-sentenza ma' tista' tkun qatt ta' hsara ghal min, la huwa nnifsu u lanqas bilmezz ta' l-awturi jew ta' rapprezentanti legittimu tieghu, ma jkunx parti fil-kawza maqtugha b'dik is-sentenza" - regola fondamentali li tirrifletti l-massima antika:* ***res inter alios acta vel judicata aliis nec nocere nec prodesse potest.*** *Fuq l-istess binarju legali jinghad li l-mandat ta' zgumbrament ma jistax jigi*

> *ezegwit kontra min mhux indikat fl-istess mandat. Dan il-principju gie applikat mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kummercjali fil-kawza* ***Gulab Chatlani v. George Grixti***" [**1991] Vol.LXXV.II.605**).

Fis-sentenza ta' din il-Qorti tad-29 ta' Novembru 2013 fl-ismijiet **Mario Chant v. Philip Grima**, intqal illi "*Mattirolo jiddiskuti din il-kwistjoni, riferibilment ghall-obbligazzjonijiet indivizibbli, fol.* ***Vol. V S159*** *u segwenti (****Tratt di Vir. Giudiz. Civile Ed. 1905).*** *Wara li jippremetti illi "non si e' alcuna legge ne' naturale ne' posittiva che permetta la condanna di un individuo il quale non fu ne' chiamato ne' intervenne in giudizio per far valere le sue ragioni", dan l-awtur isemmi illi, fid-dottrina gew espressi tliet opinjonijiet: xi whud sostnew illi r-regudikata testendi dejjem l-effetti taghha, sija favorevoli sia kontrarji, ghall- kredituri jew ghad-debituri l-ohrajn, li ma jkunux personalment fil-gudizzju. Fost dawn l-awturi isemmi t-****Toullier*** *, . Awturi ohrajn pero` – u dawn jidhru li huma f'maggoranza kbira – jew isostnu illi anki ghall-obbligazzjonijiet indivizibbli ghandha tapplika l-massima ta' dritt komuni "res inter alios judicata, aliis nec nocet nec posdest" b'mod illi s-sentenza ma ghandhiex effett la favorevoli u lanqas dannuz ghall kredituri u ghad-debituri li ma jkunux parti fil-process, inkella jsostnu illi ghandha ssir distinzjoni fis-sens illi ssentenza jekk favorevoli testendi l-awtorita` taghha ghall-kompanji tal-vincitur, imma jekk kuntrarja ma taghmilx hsara lilhom in kwantu jistghu jirrispinguh bhala "res inter alios". Fost dawn l-awturi insibu ismijiet familjari bhal dawk ga msemmija u ohrajn bhal* ***Giorgi (Vol.1S 264, 268 Ed. 1890) u Borsari art 1351 S33)***".

Huwa ghalhekk evidenti li dan l-aggravju huwa gustifikat, ghaliex l-appellanti ma kienux parti fil-proceduri msemmija, u kwindi jisthoqqlu jigi milqugh minn din il-Qorti.

**It-tieni u tielet aggravju** huma fis-sens li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament fattwali u legali errat tal-provi meta cahdet it-talbiet tal-appellanti fir-rigward tas-subbasta li saret u li rrizultat fit-trasferiment tal-proprjetà msemmija favur l-appellat Pace u s-socjetà Mosta Auto Dealers. Dan jirreferi ghat-tielet talba attrici u t-talbiet li johorgu minnha.

L-ewwel nett huwa car li ghalkemm is-subbasta tkun saret, xorta wahda l-validità taghha tista' tigi attakkata (**Busuttil v. Baldacchino**, Qorti tal-Appell, 7 ta' Ottubru 1997). L-artikoli tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li fil-fehma tal-Qorti, ghandhom importanza f'din il-vertenza huma:

351. (1) Jekk il-kreditur ihalli wieqaf l-irkant ghal izjed minn sena, l-atti kollha tal-irkant isiru nulli.

(2) F'kull kaz, l-effetti tad-digriet li bih ikun gie ordnat l-irkant ta' immobbli jew ta' jeddijiet imghaqqdin ma' immobbli, jispicca u, rigward it-terzi, gheluq is-sena mill-iskrizzjoni msemmija fl-Artikolu 306, kemm-il

darba f'dak iz-zmien, fuq talba tal-kreditur esekutant, l-iskrizzjoni ma tkunx giet imgedda.

352. (1) Kull trasferiment ta' immobbli jew ta' jeddijiet imghaqqdin ma' immobbli, maghmul mid-debitur, fi zmien sena li tibda mid-data tal-iskrizzjoni, originali jew imgedda, tas-sentenza jew tad-digiret li bih jigi ordnat l-irkant ta' dik il-proprjetà jew jeddijiet, huwa null fl-interess ta' dak li fuq talba tieghu s-sentenza jew id-digriet ikunu gew moghtija, f'liema kaz il-qorti ghandha fuq talba b'rikors tghaddi sabiex wara li tisma' l-partijiet tiddikjara null u minghajr effett dak it-trasferiment u taghti dawk il-provvedimenti li thoss opportuni.

L-ewwel Qorti strahet hafna fuq din l-ahhar dispozizzjoni u kienet korretta meta qalet li trasferiment ta' proprjetà li tkun soggetta ghas-subbasta fi zmien sena minn meta tigi ordnata s-subbasta ma jistax isir. Qalet ukoll li fil-waqt li huwa minnu li qatt ma saret talba mill-kreditur biex il-bejgh ikun dikjarat null, dan ma jfissirx li b'daqshekk it-trasferiment huwa validu, u jista' jigi oppost mit-terz akkwirent.

Ta' min jikkonstata f'dan l-istadju illi d-dispozizzjoni msemmija (Artikolu 351 (1)) tqajjmet mill-Qorti "ex ufficio" u ma tqajjmitx "per via di eccezione". Fil-kawza fl-ismijiet **Carmelo Cassar Parnis v. Gustavo Soler noe** deciza fil-11.03.49 – (Vol. XXXII. II. p 344) gie sottolineat li:

"*In-nullitajiet jistghu jkunu jew dikjarati "expressis verbis" jew le. Bhala regola generali, il-ligijiet u d-dottrina, u l-ligi taghna in partikolari, ma jiffavorux in-nullitajiet; anzi jippropendu kemm jista' jkun ghat-tezi tal-validità tal-att li jkun hemm diskussjoni fuqu. Anki fejn in-nullita` hija dikjarata espressament mil-ligi, hija ma toperax qatt wahedha …*". Ghall-korrettezza jinghad ukoll li fil-kawza fl-ismijiet **Higgans v. Galea** (Prim'Awla, 13 ta' Gunju 1997) intqal li meta n-nullita' hija dikjarata fil-ligi, din tista' titqajjem permezz ta' eccezzjoni. F'din il-kawza pero' lanqas eccezzjoni f'dan is-sens ma giet intavolata f'dan is-sens. Intqal ukoll li jibqa' principju kardinali, konsagrat fil-gurisprudenza illi "*il mantenimento dei contratti e` di interesse generale perche e` principio di ordine pubblico"* u allura*, "siffatta considerazione impone che nella causa d' impugnazione di contratto, per vizio di consenso si proceda colla massima circospezione perche non si abbia ad annullare un atto che dovrebbe rimanere in vigore*". (Kollez. Vol. XXIV P I p 203). In vista ta' dan ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li l-kuntratt bejn l-atturi u l-konjugi Abdilla kien u ghadu veljanti, ladarba l-appellati Pace u Mosta Auto Sales **qatt** ma mxew skont l-Artikolu 352 fuq imsemmi. Lanqas ma hemm prova li hadu hsieb igeddu l-iskrizzjoni skont l-Artikolu 351 (1) u huwa evidenti li l-proceduri ta' subbasta damu ghaddejjin circa sentejn.

Din il-Qorti infatti hi tal-fehma li ghalkemm l-ewwel Qorti gustament ibbjazimat lill-appellanti ghan-nuqqas ta' azzjoni taghhom meta kienu

jafu li qed jittiehdu proceduri ta' subbasta fir-rigward tal-fond in kwistjoni u strahu fuq dak li qalilhom in-Nutar Falzon li allegatament minflok baghthom ikellmu Avukat serrhilhom mohhom li "kollox kien sew", bl-istess mod l-appellat Pace u s-socjetà minnu rapprezentata ma segwewx il-procedura indikata mill-Artikoli 351 u 352 fuq imsemmi u baqghu ghaddejjin bil-procedura ta' subbasta (dan apparti l-kwistjoni tan-notifika mqajma mill-appellanti Gauci u anke mill-konjugi Abdilla), u ottjenew id-digriet finali fir-rigward u eventwalment sentenza ta' zgumbrament kontra Abdilla u esegwita fil-prattika kontra Gauci. Din il-parti tal-aggravju hija ghalhekk gustifikata.

Kwantu ghall-allegazzjoni ta' frodi da parti ta' Pace u Mosta Auto Sales, kif qalet l-ewwel Qorti, il-frodi qatt ma huwa prezunt izda jrid ikun pruvat. Dawn fil-proceduri ta' subbasta baqghu jipprezentaw ir-rikorsi taghhom u jipprovaw jinnotifikaw lill-konjugi Abdilla fil-post tar-residenza li allura kien sar ta' Gauci u dan nonostante li anke l-ewwel rikors li sar fit-13 ta' Jannar 2006, ma kienx notifikat ghaliex anke r-riferta tal-marixxall dejjem indikat li Abdilla ma kienux ghadhom jabitaw hemmhekk.

Kwantu ghan-notifika l-Artikolu 187 (3) tal-Kap. 12 jghid li gej:

> "*Jekk mir-riferta tal-ufficjal inkarigat minn notifika ta' skrittura jew att gudizzjarju jinstab li l-persuna li ghandha tigi notifikata bl-iskrittura jew att, ghalkemm ma tirrizultax li qeghda barra minn Malta, id-dhul fil-post tar-residenza taghha ma jkunx jista' jsir, jew il-post tar-residenza taghha ma jkunx maghruf, il-qorti tista' tordna illi n-notifika ssir billi titwahhal kopja tal-att fil-post, fil-belt jew fid-distrett fejn soltu jitwahhlu l-atti ufficjali, u billi dik l-iskrittura jew att jinhargu fil-qosor fil-Gazzetta*

> *u f'gurnal ta' kuljum wiehed jew iktar minn wiehed skont kif il-qorti tiddeciedi u, meta jkun possibbli, jekk il-post tar-residenza jkun maghruf, billi titwahhal kopja tal-iskrittura mal-bieb ta' dik ir-residenza*".

Ghalkemm ma jirrizultax li l-appellati Pace u s-socjetà Mosta Auto Dealers ghamlu xi indagini biex ikunu jafu fejn mar joqghod Abdilla, lanqas ma jirrizulta li meta huma komplew jinnotifikawh fl-istess indirizz bilfors kienu qed jaghmlu hekk b'xi hsieb necessarjament frawdolenti ghalkemm kienu jafu ben tajjeb li l-konjugi Abdilla ma kienux ghadhom joqghodu hemm. Dan kellu jkun ipprovat mill-appellanti u mill-istess konjugi Abdilla. Fejn pero` tirravvisa element ta' qerq huwa fin-nuqqas taghhom illi jipprocedu skont l-Artikolu 352 biex jitolbu t-thassir tal-kuntratt tal-akkwist in kwistjoni ghaliex hemmhekk kien ikollhom isejjhu fil-proceduri lill-appellanti li allura kien ikollhom kull opportunità javvanzaw il-pozizzjoni taghhom. Fil-fehma tal-Qorti hemm allura *modus operandi* li permezz tieghu l-kredituri msemmija kienu qed jittantaw (u finalment irnexxilhom) manuvra li permezz taghha akkwistaw bi prezz tassew irrizorju (5,000 euro – l-istess ammont tal- kreditu) l-proprjetà msemmija. Ghalhekk il-Qorti ssib li l-aggravju tal-appellanti huwa gustifikat.

Ir-raba' aggravju jirrigwardja d-danni akkordati mill-ewwel Qorti; l-appellanti jsostnu li kellhom jigu kkumpensati ukoll ghall-awment fil-valur tal-proprjetà u l-kirjiet li inkorrew biex ikollhom fejn joqghodu.

Naturalment din il-Qorti ma hijhiex ser tqies l-ewwel parti ta' dan l-aggravju ghaliex se tilqa' l-ewwel sebgha talbiet u allura se trodd lura l-proprjetà lilhom. Izda fr-rigward tal-kirjiet din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti illi l-appellanti kienu pjuttost lakonici filli jressqu l-provi necessarji biex hija tkun tista' tilqa' t-talba taghhom fir-rigward; kull ma hemm fl-atti hija kif qalet l-ewwel Qorti depozizzjoni qasira tal-appellanti Pauline Gauci li mhijiex sorretta minn xi prova tangibbli ta' hlasijiet ta' kera. B'applikazzjoni ghalhekk tal-Artikolu 562 tal-Kodici tal-Procedura li jserrah fuq il-principju "*onus probandi incumbit qui dicit non ei qui negat*" u kif ribadit f'diversi sentenzi - **Dr H Lenicker v. J Camilleri**, Prim'Awla 31 ta' Mejju 1972 u **Peter Paul Aquilina v. Paul Vella**, Appell Inferjuri, 2 ta' Mejju 1995, l-aggravju in kwistjoni huwa allura respint.

Appell tal-Konjugi Abdilla

Kif wiehed jistenna anke dawn appellaw mis-sentenza izda fir-rikors tal-appell taghhom l-aktar jappellaw lill-Qorti biex tkun ekwa fis-sentenza taghha u ma tikkundannahomx ihallsu somma hekk ingenti meta huma fi kliemhom stess "neqsin minn likwidiata' finanzjarja". Jghidu wkoll li dak li gara ma kienx tort taghhom u li huma ghamlu li setghu biex jaghtu l-pacifiku pussess lill-atturi. Dan salv dak li gia ntqal kwantu ghall-hlas tad-danni.

Din il-Qorti ma taqbel xejn ma' dawn l-argumenti, anzi zzid tghid li kien in-nuqqas ta' Abdilla li jhallsu dak dovut minnhom lill-appellati Pace u Mosta Auto Dealers li wassal ghal dawn il-problemi li nqalghu lill-partijiet l-ohra fil-kawza u ghal din ir-raguni se takkolla lill-istess Abdilla bl-ispejjez kollha tal-kawza.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-appell tal-konvenuti Abdilla billi tichdu, mill-appell tal-atturi Gauci billi tilqghu u tirrevoka s-sentenza appellata billi tilqa' l-ewwel disa' talbiet attrici izda tichad l-ahhar zewg talbiet minhabba nuqqas ta' prova fir-rigward. L-ispejjez kollha tal-kawza kompriz tal-appell u tal-appell incidentali jkunu a kariku tal-konjugi Abdilla.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb